# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Novembru, 2021**

**Numru 2**

**Rikors Numru 534/2020 TA**

**Clint Scerri**

**vs**

**1) Enemalta plc**

**2) Alexander Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numerata 31284M u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2020 ġiet kjamata in kawża s-soċjeta' G A Services Ltd (C 19715)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Clint Scerri (l-Attur) preżentat fit-2 ta' Lulju 2020 u maħluf fl-istess data li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1) Illi fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), ir-rikorrent kien qieghed jsuq il-vettura tieghu tal-marka *Kia Avella* bin-numru ta' registrazzjoni 'D' 'C' 'C' numru sebgha wiehed tlieta (DCC-713).

2) Illi fil-jum imsemmi, u fil-jiem precedenti, l-intimat Alexander Bugeja jew haddiema tieghu kienu qed jesegwixxu diversi xoghlijiet, fosthom ta' tqattiegh ta' trinka fonda madwar zewg metri fi Triq San Duminka, Zabbar u dan b'inkarigu tal-Korporazzjoni intimata.

3) Illi waqt li r-rikorrent kien qed isuq il-vettura tieghu fl-imsemmija triq waqa' got-trinka li giet imhaffra mill-intimat jew haddiema tieghu u korra serjament.

4) Illi minhabba dan l-incident huwa sofra gravament, b'dizabilita permanenti, u sofra danni ohra konsiderevoli.

5) Illi dan l-incident sehh tort tal-intimati talli naqsu milli jiehdu l-prekawzjonijiet kif huma obbligati li jaghmlu skond il-ligi l-esekuzzjoni tal-imsemmija xogholijiet u dan kif ser jigu pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6) Illi ghalkemm l-intimati gew mitluba jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) Tiddikjara li l-incident li sehh fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), sehh unikament tort ta' l-istess intimati, jew min minnhom, li jahtu wkoll ghad-danni sofferti mir-rikorrent;

2) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo l-opra ta' periti nominandi;

3) Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu in solidum u bejniethom, jew min minnhom, lir-rikorrent dak l-ammont li jigi hekk likwidat;

Bl-ispejjez komprizi dawk ukoll tal-ittra ufficjali intavolati kontra l-intimati."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Alexander Bugeja (il-konvenut) presentata fil-31 ta' Luju 2021 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa:

"1. Illi l-ewwel talba rikorrenti in kwantu diretta kontra l-esponent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghandha tigi michuda u dan stante illi l-istess esponent mhux responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit-3 ta' Lulju 2016, liema incident sehh unikament bi htija tar-rikorrent stess meta naqas serjament illi jara dak li kien *in plain view*. Isegwi ghalhekk illi l-incident odjern sehh rizultat ta' nuqqas ta' *proper lookout* min-naha tar-rikorrent; dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, *di piu*, ghal kuntrarju ta' dak li qieghed jigi allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur, l-esponent ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji kemm fl-ezekuzzjoni tax-xoghol kif ukoll sabiex jissenjala lill-utenti tat-triq illi, f'dik iz-zona, kienu qed jigu ezegwiti tali xogholijiet. Tant hu hekk li, fi triq daqstant traffikuza, il-vettura misjuqa mir-rikorrent kienet l-unika wahda illi spiccat waqghet got-trinka.

3. Ghaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li l-esponent wettaq xi nuqqas illi jaghmlu b'xi mod

responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u l-grad ta' tali responsabbilta`.

4. Illi t-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tigi rigettata stante li m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita` tad-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

5. Illi t-tielet talba tar-rikorrent ghandha ukoll tkun michuda u dan ghaliex l-esponent m'ghandux jigi kostrett ihallas ebda danni lill-istess rikorrent.

6. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi, bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Enemalta plc (is-Soċjeta` konvenuta) tat-13 ta' Awissu, 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi din hija risposta ġuramentata ta' Enemalta plc għar-rikors promotur 'il fuq imsemmi li permezz tiegħu l-attur qed jallega li kemm Enemalta plc kif ukoll Alexander Bugeja huma responsabbli għad-danni sofferti minnu waqt inċident li seħħ fit-3 ta' Lulju 2016;

2. Illi kif ġie dikjarat fir-rikors promotur, l-intimat Alexander Bugeja jew ħaddiema tiegħu kienu jesegwixxu diversi xogħlijiet fi Triq San Duminka, Ħaż-Żabbar, inkluż it-tqattiegħ ta' trinka fonda ta' madwar żewġ metri, u li saru b'inkarigu tas-soċjeta` esponenti;

3. Illi preliminarjament jingħad illi l-inċident li seħħ għall-ħabta ta' 13:45 hrs ġie kkawżat mill-attur biss, u dan għaliex ġew meħudin il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa għat-twettiq xieraq tax-xogħlijiet;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta` esponenti ssostni li mhijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża stante illi kif jgħid l-attur, ix-xogħolijiet saru mill-intimat Alexander Bugeja u/jew G A Services Ltd (C 19715);

5. Illi r-responsabilita` tagħhom toħroġ mil-leġislazzjoni relattiva, għaliex l-intimat Alexander Bugeja kif ukoll G A Services Ltd huwa reġistrat mal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta bħala *Road Works Contractor*, kif jirriżulta mil-lista uffiċjali ta' din l-Awtorita` bit-titlu *Road Works Contractors Register List,* u skont Artikolu 36 tar-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.58):

> *Kuntrattur li jkun qiegħed jagħmel xogħol fi triq għandu jikkumpensa lil partijiet terzi għal xi ħsarat jew telf li t-terzi partijiet jistgħu jsofru kawża tax-xogħolijiet li jkunu qegħdin isiru fit-triq …*

6. Illi ‘l fuq minn hekk, u kif ser jiġi ampjament pruvat fil-mori tal-kawża, l-allegazzjoni illi s-soċjeta` esponenti setgħet ikkontribwiet għad-danni sofferti mill-attur hija kompletament inkonċepibbli għaliex kwalunkwe danni li rriżultaw mix-xogħolijiet kwistjoni ta’ din il-kawża setgħu saru biss minn min kien qed jagħmel ix-xogħolijiet, cioe` l-intimat Alexander Bugeja u G A Services Ltd (C 19715), u mhux minn min inkarigahom, u għalhekk is-soċjeta` esponenti kategorikament tiċħad il-possibilita` illi setgħet b’xi mod ikkontribwiet għall-akkadut u għad-danni in kwistjoni;

7. Illi l-fatt li l-intimat Alexander Bugeja kif ukoll G A Services Ltd (C 19715) huma reġistrati bħala kuntratturi għar-*road works* ifisser mingħajr l-ebda dubju illi s-soċjeta` esponenti inkarigat nies ta’ ħila, jew mill-inqas nies illi hi kellha raġun taħseb li huma ta’ ħila, għaliex f’għajnejn l-Awtorita` għat-Trasport f’Malta huma kompetenti sabiex jesegwixxu dawn ix-xogħlijiet, u għalhekk ma hemmx in-nuqqas ta’ hila rikjest sabiex l-attur ikun jista’ jagħmel xogħlijiet, u għalhekk ma hemmx in-nuqqas ta’ ħila rikjest sabiex l-attur ikun jista’ jagħmel lil Enemalta pls responsabbli għall-ħsarat ikkaġunati minn ħaddieħor kif jirrekjedi l-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta);

8. Illi in vista tal-fatt illi kif ġie premess ix-xogħolijiet in kwistjoni konsistenti fit-tħaffir tat-trinka saru esklussivament mill-kuntratturi nominati mis-soċjeta` esponenti u ċioe` l-intimat Alexander Bugeja u s-soċjeta` G A Services Limited (C 19715), soċjeta` reġistrata Malta bl-uffiċju reġistrat sitwat Tasmina, Rabat Road, Dingli, huwa l-każ illi din il-Qorti tikkjama lil G A Services Limited (C 19715) fil-kawża, u għalhekk is-soċjeta` esponenti qed tinterpella rikors għall-kjamata in kawża ta’ din is-soċjeta` kontestwalment ma’ din ir-risposta ġuramentata;

9. Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ukoll tal-ittri uffiċjali intavolati kontra l-attur, l-intimat Alexander Bugeja u l-kjamat in kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta’ Ottubru 2020 li permezz tiegħu s-Soċjeta’ G A Services Ltd (is-Soċjeta` kjamata) ġiet imsejħa fil-kawża;

Rat ir-rikors tas-Soċjeta` kjamata tas-17 ta’ Ġunju 2021 li permezz tiegħu qed titlob li titħalla tippresenta n-nota ta’ eċċezzjonijiet stante li dik minnha

diġa' presentata kienet tardiva, liema fatt tqanqal mill-Attur fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021;

Rat ir-risposta tal-konvenut AlexanderBugeja għar-rikors imsemmi tas-7 ta' Lulju 2021;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta` konvenuta għar-rikors imsemmi tat-8 ta' Lulju 2021;

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021, l-Attur, fil-waqt li ta' ruħu notifikat bil-fuq imsemmi rikors irrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Rat li l-vertenza tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Il-kronoloġija li wassal għall-vertenza li għandha quddiemha hija kif ġejja:

Fit-2 ta' Lulju 2020 ġie presentat ir-rikors ġuramentat mill-Attur.

Fit-30 ta' Lulju 2020 ġiet notifikata s-Soċjeta` konvenuta.

Fil-31 ta' Lulju 2020, il-Konvenut presenta risposta ġuramentata għalkemm ma kienx għadu notifikat.

Fit-13 ta' Awwissu 2020, is-Soċjeta' konvenuta presentat ir-risposta ġuramentat tagħha fejn qalet li anke s-Soċjeta' kjamata kellha twieġeb għal dak li wassal għas-sinistru li minħabba fih weġġa' l-Attur. Fl-istess ġurnata,

konteswalment mar-risposta ġuramentata, is-Soċjeta' konvenuta presentat rikors li permezz tiegħu talbet is-sejħa fil-Kawża tas-Soċjeta` konvenuta kjamata u fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020 ingħata digriet li bih issejħet fil-Kawża s-Soċjeta` kjamata.

Fit-30 ta' Diċembru 2020 ġiet notifikata s-Soċjeta` kjamata li daħlet ir-risposta ġuramenatat tagħha fil-25 ta' Jannar 2021.

Fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021, l-Attur protesta li r-risposta ġuramentata tas-Soċjeta` kjamata kienet tardiva u li bi ftit jiem u tinsab fi stat ta' kontumaċja.

**2.** Il-Qrati tagħna żviluppaw b'mod kostanti t-tagħlim dwar l-Istitut tal-kontumaċja. Il-prinċipji li jirregolaw il-materja ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ilhom miġbura sa mill-1937 mill-Qorti ta' **l-Appell fil-kawża fl-ismijiet Vittorio Cassar -vs- Carmelo Vassallo [XXIX-I-1581]**, liema prinċipji baqgħu jiġu applikati regolarment f'kawżi sussegwenti b'tali mod li ffurmaw ġurisprudenza ċara u inekwivoka. Inoltre fis-**Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Frar 1995 fl-ismijiet Joseph Naudi Montalto noe -vs- Emmanuel Xuereb** saret referenza espliċita għat-tmien prinċipji segwenti:

1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;
2. Anqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

3. Biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;
4. Dina l-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;
5. L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaċi;
6. L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;
7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili;
8. L-impossibilita` li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.

**3.** Ġie ukoll deċiż mill-**Qorti tal-Kummerċ – Imħ. J. Herrera – fis-7 ta' Frar 1983** illi l-kontumaċja ma tistax tkun ritenuta ġustifikata meta tkun kolpuża. L-aġir ta' persuna li tħalli ċitazzjoni kummerċjali fil-pussess tagħha u magħmula kontriha għal fuq minn xahar għandu jkun kunsidrat bħala aġir kolpevolissimu. Il-kontumaċja u d-deċiżjoni ta' kwistjoni jekk hux kontumaċi konvenut jew le trid tkun deċiża permezz ta' Sentenza in parte seduta stante u mhux kameralment. Barra minn dan fis-Sentenza tal-**Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1996** fl-ismijiet **Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia** ġie ritenut hekk: "Diversi kienu d-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati in materja ta' kontumacja u l-gustifikazzjoni o meno taghha. Peress li kull kaz

hafna drabi jipprospetta fattispecje differenti, id-decizjonijiet ma humiex ghal kollox uniformi, fis-sens li hemm xi whud minnhom li adottaw linja rigida mentri ohrajn kienu izjed flessibli u liberali.  Din il-Qorti jidhrilha li meta l-ligi stess ipprefiggiet terminu preciz u relattivament twil – ghoxrin jum – m'ghandhiex tammetti li, jekk mhux ghal xi raguni gravi jew eccezzjonali, testendi dan il-perjodu jew tinnewtralizzah bl-ammissjoni ta' eccezzjonijiet – wara l-gheluq tieghu."

**4.** Huwa minnu li l-liġi stess tagħti tali diskrezzjoni lill-Qorti imma huwa appuntu għal din ir-raġuni li l-ġudikant għandu jeżerċita tali diskrezzjoni b'mod xieraq u meqjus.  Pero' l-Qorti tibqa' dejjem gwidata mill-prinċipju assodat mill-kontumaċja ma tistax titqies ġustifikata meta din hija kolpuża. Ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għax allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-culpa u f'dak il-każ il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn għax *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*.  L-appellanti aġixxiet negliġentement u trid tissubixxi l-konsegwenzi tal-aġir tagħha." (Ara wkoll is-**Sentenza fl-ismijiet Simonds Farsons Cisk Limited -vs- Saviour Deguara deċiża fid-19 ta' Mejju 1997 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.**  Il-ġudikant għandu wkoll iżomm quddiem għajnejh li għalkemm l-istitut tal-kontumaċja qiegħed hemm biex ikun applikat, fl-istess ħin dan ma jxellifx id-dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq.  Di fatti fis-**Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Pauline Caruana et -vs- Spiro Mangion et tal-21 ta' Jannar 1998** intqal hekk:

*"L-istituzzjoni tal-kontumacja ghalkemm ghadha tifforma parti mill-ordinament guridiku taghna, qed tigi interpretata b'mod illi aktar jirrifletti d-dritt ta' kull individwu li jkollu smiegh xieraq quddiem tribunal indipendenti fejn jista' jressaq il-provi w id-difiza tieghu.”*

**5.** Il-Qorti qieset l-fatti li għandha quddiemha fid-dawl ta’ dan it-tagħlim ġurisprudenzjali. Il-Qorti qieset li s-Soċjeta’ kjamata dehret fl-ewwel seduta tagħha u kienet saħansitra daħlet risposta ġuramentata għalkemm fuori termine u mingħajr il-permesss tal-Qorti. Dan fih innifsu juri li din is-Soċjeta’ minkejja t-tardivita’ tal-presentata tar-risposta ġuramentata uriet interess fil-kawża u attendiet biex ma twettaqx dispett lejn il-Qorti.

**6.** Jirrisulta li fil-jum li kellhom jiskadu l-għoxrin ġurnata għar-risposta ġuramentata, il-prokuratur Jean Pierre Busuttil ma setgħax joħroġ mid-dar għaliex kien dak in-nhar stess li ġie infurmat li kellu jibqa’ d-dar kwarantina minħabba l-covid. Kien ukoll żmien meta l-prokuraturi legali kienu qegħdin jaħdmu b’mod limitat minħabba l-istess epidemija. Iċ-ċirkostanzi għal kollox anomali li ġabet magħha din l-epidemija ħolqot bosta diffikultajiet u l-Qorti ma tistax ma tqishomx bħala ċirkostanzi straordinarji. Din il-Qorti għalhekk ma tqies li l-aġir tas-Soċjeta’ kjamata bħala kolpuż fis-sens kif titlob il-liġi. Lanqas ma jidher li seta’ jkun hemm xi tip ta’ vinċibilita` għan-nuqqas minħabba ċ-ċirkostanzi li jdawwru l-każ.

**7.** Il-Qorti qieset li għar-rikors tas-Soċjeta` kjamata il-partijiet l-oħra rrimettew irwieħhom għall-ġudizzju ta’ din il-Qorti. Għalkemm dan ma

jfissirx li huma qegħdin jaqblu mat-talbiet l-anqas ma huwa l-każ li qed tintwera l-intransiġenza virulenti.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija tal-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza bil-mod segwenti:

Tilqa' t-talba tas-Soċjeta' kjamata kif mitluba fir-rikors tagħha tas-17 ta' Ġunju 2021 u tippermettilha għalhekk tippresenta risposta ġuramentata skont il-liġi u dan fi żmien għoxrin (20) ġurnata mil-lum.

Spejjes jibqgħu riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**